**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru 254/2021 RM**

**Marika Bonello (K.I. 304885M)**

**-Vs-**

**Ryan Dimech (K.I. 215579M)**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Marika Bonello fir-Reġistru fl-10 ta' Settembru 2021 fejn talbet illi previa dikjarazzjoni li l-kontenut tal-pubblikazzjonijiet maħgmula mill-konvenut Ryan Dimech fuq is-sit bl-isem Facebook bejn id-9 ta' Ġunju 2021 u t-30 ta' Awwissu 2021, kopja annessa, jikkostitwixxu malafama stante li l-komunikazzjoni ta' kliem fuq l-istess sit jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna ta' l-attriċi ittelfulha gieħha u tinkludi l-libell u l-ingurja a tenur tad-dispzizzjonijiet tal-Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti dik is-somma li jogħġobha tistabilixxi dina l-Qorti bħala danni morali, u dan a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li qiegħed jiġi minn issa ngunt għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenut Ryan Dimech, ippreżentata fit-23 ta' Novembru 2021, fejn eċċepixxa :-

1) *Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attriċi fir-rikors promotur tagħha mhiex libelluza fil-konfront ta' l-attriċi liema attriċi hija iddentifikata u lanqas identifikabbli.*

2) *Illi fit-tieni lok u mingħajr pregudizzju għas-suespost, il-kummenti tal-esponent jammontaw għal fair comment li huwa intitolat jagħmel skond il-liġi.*

3) *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet mogħti fid-29 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu ordnat lill-partijiet jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni skont l-Artikolu 10 tal-Kap. 579 liema process kellu jiġi konkluż fi żmien tliet xhur;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Frar 2022 fejn estendiet it-terminu għall-egħluq tal-proċess ta' medjazzjoni bi żmien xaharejn oħra;

Rat id-digriet mogħti fit-23 ta' Mejju 2022 fejn ġie revokat contrario imperio d-digriet tad-29 ta' Novembru 2021 u ġie ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża;

Rat ix-xhieda tal-attriċi Marika Bonello mogħtija bil-mezz tal-proċedura tal-affidavit;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti ;

Rat in-nota ppreżentata mill-konvenut fl-24 ta' Lulju 2023 u semgħet lill-abbli avukat tal-konvenut fl-istess seduta jiddikjara li l-konvenut m'għandux provi xi jressaq u lanqas kontro-eżamijiet x'jagħmel lill-attriċi u lix-xhieda prodotti minnha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attriċi fil-31 ta' Awwissu 2023 kif awtorizzat fid-digriet mogħti fl-24 ta' Lulju 2023;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda timpunja diversi kummenti ossia *posts* ippubblikati mill-konvenut Ryan Dimech fuq Facebook, liema pubblikazzjonijiet jidhru fid-dokumenti annessi mar-Rikors promotur. Dawn huma s-segwenti:-

- *100 100 100 100* (għal diversi drabi), b'risposta għal *post* imtella' minn ċertu Ray Cini fejn intqal:-

"*BABYSITTERS SERHU RASKOM GEJ IX-XOLL GHAX BASTA NOHBLU UMBAD BIEX NIGEREW TAJBIN Jien naf 2 min nies hekk,,, BONGU*"

- "*Em ħafan banek ta ma dawn Ta turkia u italia ta Taxi's*", b'risposta għal *post* tal-istess Ray Cini li jgħid:-

"*INSEJT META KELLEK BANK HAZ ZEBBUG U IHOR IL FURJNA FDAQA KEMM KONT TIMPRESSJONAH ID DOQLU IL KLARINETT*"

- "*100 Fil 100 dawn l-afarijit*

*John Bonello*"

u

*"Maret ghand il prim ax il il kamra ta lavukati ma setaw jaghmlu xejn*

*Ax fejn u isewed iswed u fejnu abjad abjad*

*Avukat ta lafarijit tijaw*

*U hadet cans ant mal-prim !!*"

B'risposta għall-*post* ta' Ray Cini li qal:-

"*U letrina insejt kemm hlift u dbaqbaq li*

*1 tnehilu l-warrant il huk*

*2 li gib arkuptejh il-Mifsud Wilson għax irrid joqod ghal li tajd int jew tkisru*

*3 li lil missier ibnek ma tijulux akkost ta kollox gagbina*"

- *Post* ieħor ta' Ryan Dimech fejn qal:-

  "*Jien kont vitma u adni sal lum imcahad mi ibni jien u familti*

  *Omi et tmur lahar ta hajjitha*

  *U ma indejaċ ruha tmur u turijula*

  *All kbirrr u jaf xinu jamel*"

- Kumment ta' Ryan Dimech imtella' taħt stampa tal-faċċata tal-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja bil-kapxin TVM.COM.MT *"Tifel ta' 15-il sena jinżamm arrestat wara li hedded lil ommu" – TVM.*"

  "*U il tifel imcahad min misir al sena u tlet xur*

  *Meta ha jitihdu passi fuq lomm!!*"

  U kummenti suċċessivi tiegħu fejn iwieġeb lil ċertu Carmen Schembri u ddikjara:-

"*Li rid ij kollox cans tamle dmirek fil trobia law carmen. Il qorti tahba biex toqoq tarni il flus u ij tawlu il smien ha hithlu li spejes ta qort u kol!!*"

"*Veru ta' andek ragun. Pero ajdli kem aw niesa li ta parsi andi il kustodja ta tfal u anqas jatu kasom linpurtatnti li maj kunux fidejn il misir namber 2 mela habat tajeb ax jien adni nigri war ail tifel li adew sena u 3. Ma abandunajtux kief jafu ij poguom certu niesa fuq lirgiel.*"

L-attriċi xehdet illi hija ħassitha aggravata u malafamata bil-fatt li l-konvenut beda jagħmel "*likes*" taħt il-*posts* ta' Ray Cini fuq Facebook, kif ukoll bil-kummenti tal-konvenut għaliex l-intenzjoni tiegħu hi li jżebilħha, jigdeb fuqha u jħammeġ ir-reputazzjoni tagħha billi jagħti l-impressjoni li hija tiġġerra mal-irġiel, meta hi mara retta li tirrispetta l-liġijiet u ordnijiet tal-awtoritajiet srupolożament.

Xehdet ukoll li minkejja li l-konvenut iddikjara fl-imsemmija kummenti tiegħu li hija ċċaħħdu milli jara lil ibnu, dan mhux minnu għaliex huwa l-konvenut innifsu li jirrifjuta li jara lil ibnu minkejja li l-Qorti tatu l-jedd ta' aċċess taħt is-sorveljanza ta' ħaddiema soċjali fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ b'digriet tat-28 ta' Mejju 2020 (Dok. P) u minkejja li hi dejjem kienet u tibqa' disposta li tieħu t-tifel għal dan l-aċċess fil-ġranet u ħinijiet li proposti minnu. Kemm hu hekk, il-konvenut kien għamel talba għar-revoka tad-digriet tat-28 ta' Mejju 2020 (Dok. Q)

Il-konvenut ma ressaqx provi f'din il-kawża għajr għal fotokopja ta' Risposta Ġuramentata ippreżentata mill-attriċi fil-kawża Rikors Numru 1/2022 fl-ismijiet Ryan Dimech v. Marika Bonello (Dok. RD1), u fotokopja ta' Risposta ppreżentata mill-istess attriċi għall-ittra uffiċjali bin-numru 63/2021 fl-ismijiet Ryan Dimech v. Marika Bonello (Dok. RD2)[1].

[1] Nota ppreżentata fl-24 ta' Lulju 2023.

Fit-trattazzjoni finali, ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenut illi l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi għaliex l-attriċi m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjonijiet tal-konvenut u lanqas m'hi identifikabbli.

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-kwistjoni tal-identifikazzjoni o meno tal-attriċi fil-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża għaliex huwa ovvju li jekk l-attriċi m'hijiex suffiċjentement identifikata fl-istqarrijiet impunjati, dawn ma jistgħu qatt jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tagħha. L-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi kundizzjoni essenzjali għall-azzjonabbilita' tal-malafama bħalma huwa l-kriterji tal-ħsara serja lir-reputazzjoni għaliex jekk il-persuna aggravata m'hijiex identifikata fil-pubblikazzjoni, ma tistax titqies li sofriet ħsara lir-reputazzjoni tagħha u li ġiet malafamata b'effett ta' dik il-pubblikazzjoni.

Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-

"*A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant.*"[2]

Ukoll:-

"*Where a person is referred to by name in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the recipients of the statement have no knowledge of the person.*"[3]

---

[2] Collins on Defamation (2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.01, p. 105. Ġie ritenut ukoll:- "*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that the or she was the person referred to*."

[3] Collins *ibid.*, 5.03, p. 106.

Fid-deċiżjoni fil-każ ta' **MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.**[4], intqal hekk minn Fenlon J:-

"*A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attriċi m'hijiex identifikata b'isimha fl-ebda wieħed mill-posts li saret referenza għalihom fir-Rikors promotur. Dan ifisser li l-attriċi jeħtiġilha tressaq prova ta' xi inferenza li torbotha mal-istqarrijiet impunjati, liema inferenza twassal għall-identifikazzjoni tagħha fil-pubblikazzjonijiet ta' Ryan Dimech, fuq ċitati: m'hux neċessarju li l-inferenza li torbot lill-attriċi mal-malafama titnissel mill-istqarrijiet tal-konvenut innifsu, impunjati f'din il-kawża. Fil-każ in diżamina, hu ovvju li bosta mill-*posts* tal-konvenut Ryan Dimech ma sarux spontanjament jew *in vacuo* iżda b'risposta jew rejazzjoni għal dikjarazzjonijiet ippubblikati minn terza persuna, Ray Cini, f'sensiela ta' *posts* suċċessivi u għalhekk il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-kuntest kollu tal-pubblikazzjoni biex tistabbilixxi jekk l-attriċi hijiex suffiċjentement identifikata biex issostni azzjoni għal malafama.

Gatley, fir-rigward, jgħid hekk:-

"*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning*".[5]

Fil-każ reċenti **Monroe v Hopkins**[6] li kien jitratta allegat malafama permezz ta' pubblikazzjoni fuq Twitter, Warby J. Qal hekk:-

---

[44] 2008 BCSC 1432 (para. 20).

[5] Gatley, On Libel and Slander - Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll **Barron v. Collins** (2015) EWHC 1125 (QB).

[6] (2017) EWHC 4333 (QB).

"*An impressionistic approach is much more fitting and appropriate to the medium; but ... this impressionistic approach must take account of the whole tweet and the context in which the ordinary reader would read that tweet. That context includes (a) matters of ordinary general knowledge and (b) matters that were put before that reader via Twitter.*"

Qal ukoll li dikjarazzjoni oħra sussegwenti tista' titqies bħala parti mill-kuntest li fih tweet għandu jiġi interpretat :

"*... if it is on twitter and sufficiently connected in time, content, or otherwise that it is likely to have been in the hypothetical reader's view, or in their mind, at the time they read the words complained of. Thus, the context may include parts of any wider replies available to view on the same page as the offending material ...*"

Għalkemm tassew dan l-insenjament sar riferibbilment għal pubblikazzjonijiet li jsiru fuq Twitter u mhux Facebook, il-Qorti tqis li huwa ugwalment applikabbli fil-kuntest ta' stqarrijiet li jsiru fuq mezzi ta' komunikazzjoni fuq midja soċjali li huma simili, fosthom messenger fuq Facebook, Snap Chat u Instagram.

L-attriċi xehdet illi hija identifikata mill-*post*s tal-konvenut għaliex kull min jafhom, jaf li binha huwa iben Ryan Dimech il-konvenut, kif ukoll għaliex issemma l-isem tan-negozju tagħha, "Vastara".

Qabel xejn irid jiġi osservat illi l-isem "Vastara" ma ssemma mkien fil-pubblikazzjonijiet impunjati mill-attriċi f'din il-kawża, ossia dawk li kopja tagħhom ġiet annessa mar-Rikors promotur. Il-Qorti tqis illi l-pubblikazzjonijiet li huma fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama huma biss dawk annessi mar-Rikors promotur u mhux pubblikazzjonijiet oħrajn li l-attriċi ddeċidiet li tesebixxi fi stadju ulterjuri u ma għamlet l-ebda talba biex il-Qorti taġġudika dwarhom. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ tagħha dwar allegat malafama, għall-pubblikazzjonijiet li ġew speċifikatament identifikati mill-attriċi fit-talba tagħha fir-Rikors promotur tal-azzjoni

u għal ebda pubblikazzjoni oħra għaliex il-persuna aggravata trid tiġi identifikata fil-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati u mhux minn fatti estraneji għall-pubblikazzjoni impunjata jew minn pubblikazzjonijiet oħrajn.

Fil-fatt, skont Gatley, "*the general rule is that a statement is to be understood in the way in which a reasonable recipient would understand it at the time it is published: subsequent knowledge which makes the recipient look back on it in a different light will not make it defamatory.*"[7]

Għandu jingħad ukoll, f'kull każ, li l-attriċi naqset milli turi illi l-pubblikazzjoni fejn ġiet imsemmija b'isimha minn Raymond Cini (Dok. F u Dok. G, esebiti mal-Affidavit tal-attriċi), huma b'xi mod marbutin mal-istqarrijiet pubblikati mill-konvenut Ryan Dimech, speċifikatament impunjati f'din il-kawza, jew li ġew ippubblikati sekwenzjalment jew jifformaw parti mill-istess *thread*. Fil-fatt, il-Qorti tinnota li l-*posts* ta' Ray Cini li jidentifikaw lill-attriċi b'isimha, ma ġewx ippubblikati fl-istess ġurnata u/jew fuq l-istess pjattaforma tal-*posts* tal-konvenut Ryan Dimech, ħlief għal *post* wieħed, dak tal-11 ta' Ġunju 2021 fejn Ray Cini kiteb: "*Babysitters serhu raskom gej ix-xoll ghax basta nohblu umbad biex nigewer tajbin. Jien naf 2 min nies hekk,,, BONGU*" u l-konvenut wieġeb billi kiteb "*100*" diversi drabi in fila. Ukoll, ma jirriżultax li l-konvenut wieġeb jew irrejaġixxa għal dawn l-istqarrijiet ta' Ray Cini (Dok. F u Dok. G annessi mal-Affidavit tal-attriċi). Għaldaqstant, billi hu nieqes ness konvinċenti bejn l-istqarrijiet tal-konvenut impunjati f'din il-kawża u l-pubblikazzjonijiet esebiti mill-attriċi Dok. F u Dok. G, dawn tal-aħħar mhux sejrin jittieħdu in konsiderazzjoni għad-determinazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-attriċi fl-istqarrijiet tal-konvenut Ryan Dimech, impunjati f'din il-kawża.

Collins jgħid ukoll li fejn il-persuna aggravata hi identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata biss minn xi ritratt jew filmat, jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien

[7] Għalkemm jiċċita żewġ każijiet fejn il-persuna aggravata tħalliet tistrieħ fuq pubblikazzjoni sussegwenti bħala prova biex jiġi stabbilit ir-rekwiżit tal-identifikazzjoni tagħha f'pubblikazzjoni preċedenti, fid-deċiżjoni reċenti fil-każ **Economou v. De Freitas** (2016) EWHC 1853 (QB) (para. 70), il-Qorti ma kienetx disposta tikkunsidra deroga minn dan il-prinċipju.

hemm persuni li attwalment identfikawha mir-ritratt jew filmat, direttament jew permezz ta' inferenza. Fil-każ **Dwek v. Macmillan Publishers Ltd** (2000) EMLR 284 (CA) ġie ritenut:-

"*Some people are very well known and it would be obvious that a photograph would be recognised as being of them. In other circumstances it might be that,* ***absent particular evidence, it would not be possible to infer that any single person had understood the publication as referring to the claimant***". (emfasi ta' din il-Qorti)

*Multo magis*, għalhekk, f'każ fejn il-persuna aggravata mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni la permezz ta' isimha u lanqas permezz ta' ritratt, filmat jew immaġini oħra, iżda permezz ta' implikazzjoni jew inferenza, bħal m'hu l-każ tal-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża. **F'każijiet bħal dawn, hi essenzjali l-prova li persuni oħrajn identifikaw lill-attriċi fl-istqarrijiet li qed jiġu impunjati bħala malafamanti iżda li ma jsemmux direttament u espressament lill-attriċi, tant illi jekk ma jiġix ippruvat sodisfaċjentement illi l-kliem tal-istqarrijiet huma tali li fiċ-ċirkostanzi jwasslu lill-persuni li jafu lill-attriċi u li raw il-pubblikazzjoni biex jagħrfuha, raġjonevolment, bħala l-persuna li qed issir referenza għaliha fil-pubblikazzjoni, l-azzjoni ma tistax tirnexxi**.

Skont Gatley, meta l-istqarrijia malafamanti ssemmi lill-persuna aggravata b'isimha:-

"*The question is not whether anyone did identify the claimant but whether persons who were acquainted with the claimant could identify him from the words used. ...* [However], [w]*here the claimant is referred to in an indirect way or by implication it will be a question of degree how far evidence will be required to connect the libel with him. At one extreme, if there is a libel on 'the Prime Minister' that officer does not need to produce witnesses to testify that they know who he is.* ***At the other extreme, the claimant may be only identifiable by reason of extraneous facts which are not generally known, in which case there is no actionable publication unless it is shown that the words were communicated to persons with such knowledge. Even in the***

***latter type of case, however, it is not enough that the recipients of the statement did understand it to refer to the claimant: the issue is whether reasonable people with their knowledge would so understand it.****"*[8]

Fil-każ in diżamina, l-attriċi ressqet bħala xhud lil Denise Buhagiar li xehdet illi hija identifikat lill-persuna li kien qed jagħmel referenza għaliha Ray Cini fil-*posts* tiegħu fuq Facebook, annessi mar-Rikors promotur, bħala l-attriċi Marika Bonello, għaliex meta kienet f'relazzjoni mal-imsemmi Ray Cini, huma kienu joħorġu flimkien mal-attriċi u sieħeb tagħha dak iż-żmien, Ryan Dimech. Ikkonfermat ukoll illi meta din ir-relazzjoni ntemmet, Ray Cini beda jgħajjar kemm lilha u kif ukoll lill-attriċi Marika Bonello permezz ta' *posts* li kien itella' fuq Facebook. Spjegat li mill-*posts* ta' Ray Cini, mertu ta' din il-kawża, hija fehmet illi huwa kien qed jallega li Marika Bonello tmur ma' ħafna rġiel, allegazzjoni li fil-fehma tagħha mhux minnu.

Il-Qorti tqis illi bix-xhieda ta' Denise Buhagiar, l-attriċi rnexxielha tipprova illi hija kienet identifikata mill-istess ħabiba tagħha bħala l-persuna li kien qed jagħmel referenza għaliha Ray Cini fil-*posts* tiegħu li jidhru fid-dokumenti f'paġna 2 sa paġna 6 tal-atti proċesswali, liema *posts* xprunaw rejazzjonijiet da parti tal-konvenut f'forma ta' kummenti li qegħdin jiġu impunjati mill-attriċi f'din il-kawża. Hu evidenti li Denise Buhagiar identifikat lill-attriċi mhux mill-istqarrijiet li ghamel il-konvenut fil-*posts* li huwa ttella' b'rejazzjoni għall-istqarrijiet ta' Ray Cini, iżda mill-istqarrijiet li ġew pubblikati mill-istess Ray Cini. **Iżda huwa daqstant ovvju li Denise Buhagiar rnexxielha tidentifika lill-attriċi mill-istqarrijiet ta' Ray Cini u r-risposti tal-konvenut, biss abbażi tal-fatt illi kien hemm żmien meta hi u Ray Cini kienu joħorġu koppji mal-attriċi u l-konvenut Ryan Dimech. Madankollu, dawn m'humiex fatti magħrufa b'mod ġenerali lill-pubbliku u l-qarrej ordinarju mhux ser ikollu, naturalment, għarfien tal-fatt illi l-attriċi hi ħabiba tal-eks sieħba ta' Raymond Cini u kienu joħorġu flimkien bħala koppji**.

---

[8] Gatley, *ibid*. 7.3 p 267.

**Għall-Qorti, ix-xhieda ta' Denise Buhagiar waħedha m'hijiex biżżejjed biex tgħodd bħala prova kif imiss li l-attriċi hi identifikata fl-istqarrijiet tal-konvenut impunjati f'din il-kawża. Dan qed jingħad għaliex il-Qorti fehmet li ma kien hemm ħadd ieħor apparti Denise Buhagiar u Raymond Cini u l-konvenut innifsu, li kien jappartjeni għal dan il-grupp ta' persuni li setgħu jidentifikaw lill-attriċi bħala l-persuna li kienet fil-mira tal-allegazzjonijiet u abbuż vulgari ta' Raymond Cini u għalhekk, diffiċilment tista' l-Qorti tirravviża prova oġġettiva suffiċjenti li persuna ordinarja u raġjonevoli setgħet tidentifika lill-attriċi fl-istqarrijiet ippubblikati mill-istess Ray Cini u fir-risposti jew rejazzjonijiet ippublikati mill-konvenut odjern.** Għalhekk, bix-xhieda ta' Denise Buahgiar biss, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-attriċi laħqet il-grad ta' prova meħtieġ biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-qarrej ordinarju jista' raġjonevolment jislet inferenza mill-istqarrijiet li saru fil-pubblikazzjonijiet esebiti f'paġna 2 sa paġna 4 tal-atti proċesswali, li dawn jirreferu għall-attriċi[9].

Għalkemm l-attriċi xehdet illi "*kulħadd kien jaf li kien qiegħed jirreferri għalija tant li kienu diversi nies u ħbieb li ġibduli l-attenzjoni għal dawn il-posts*", naqset milli tressaq ix-xhieda ta' qarrejja oħra tal-*posts* tal-konvenut u li għandhom il-benefiċċju tal-għarfien tal-konnessjoni bejn Ray Cini u l-attriċi, indipendentement mill-konnessjoni tagħha ma' Denise Buhagiar, biex jaffermaw li huma wkoll identifikaw lill-attriċi bħala s-soġġett tal-istqarrijiet skambjati bejn Ray Cini u l-konvenut u persuni oħrajn.

Fir-rigward, Gatley jgħid hekk:-

"*Where the libel does not ex facie refer to the claimant, e.g. where he is referred to by a nickname or given a fictitious name, extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. The test of reference remains an objective one: whether on the*

---

[9] Collins jgħid: "*Evidence of the extrinsic facts which constitute the special knowledge should also be adduced. The test, however, is an objective one: whether the ordinary reasonable person with knowledge of the extrinsic facts, and in the class of persons to whom the statement is published, would have reasonably understood the publication to refer to the unnamed person.*" –*ibid.* 5.09, p. 108.

*evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant*"[10]

Fil-każ reċenti **Economou v. De Freitas**, ġie ritenut illi:

"*... notwithstanding that the claimant had not been named in the statements complained of, ... there was sufficient evidence of identification. The claimant had sufficient evidence that there were readers, listeners and viewers of the defendant's statements with special knowledge to identify him as the man accused of raping the defendant's daughter. Consequently, the evidence was sufficient to satisfy the objective test of reference. The judge also made clear in a reference innuendo case, such as the present one, adherence to the rule that the claimant must generally specify the persons who are said to know the "special facts" that would lead them to identify the claimant as the subject, was of particular importance...*"

Għaldaqstant, id-dikjarazzjonijiet li għamel il-konvenut fil-messaġġi li jidhru fid-dokumenti f'paġna 2 sa paġna 4 tal-atti proċesswali, ma jistgħux jitqiesu bħala malafamanti għall-attriċi għaliex ma ġiex ippruvat li hija identifikata la fihom u lanqas fid-dikjarazzjonijiet li għalihom jagħmlu referenza, bħala l-persuna (jew waħda mill-persuni) li tinsab fil-mira tal-istqarrijiet rispettivi tal-konvenut u ta' Ray Cini.

Ikkunsidrat;

Illi din l-identifikazzjoni tal-attriċi lanqas mhi stabbilita bir-referenza li saret fil-kumment tal-konvenut in segwitu għall-*post* ta' Ray Cini, lil John Bonello[11]. Ma nġiebet l-ebda prova li dawn il-*posts* jifformaw parti minn u ġew ippubblikati b'referenza għall-pubblikazzjonijiet l-oħra ta' Ray Cini fejn l-attriċi tissemma b'isima

---

[10] Gatley, Second supplement to the 12th edition, ibid. 7.3, p. 66

[11] Ara dokumenti b'messaġġi ta' Ray Cini u Ryan Dimech f'paġna 5 u paġna 6 tal-atti proċesswali – l-istess bħal Dok. E esebit mal-Affidavit tal-attriċi.

(iżda mhumiex mertu ta' din l-azzjoni) u għalhekk, dawn tal-aħħar ma jistgħux iservu għall-fini ta' identifikazzjoni tal-attriċi iridu jiġu mistħarrġa separatament.

Barra minn hekk, l-attriċi ma ressqet ebda prova li turi li xi ħadd għaraf il-konnessjoni bejnha u bejn il-*post* tal-konvenut fejn semma "John Bonello" b'rejazzjoni għall-*post* ta' Ray Cini li akkuża lil xi ħadd li riedet "*tnehilu l- warrant il huk*", għaliex jaf li hi oħr John Bonello. Fil-fatt, ħadd, lanqas Denise Buhagiar, ma xehed li identifika lill-attriċi fil-*post* tal-konvenut minħabba r-referenza li għamel il-konvenut għal "John Bonello", u ma hemm ebda rabta oġġettivament riskonstrabbli bejn l-attriċi u l-istqarrija ta' Ray Cini u l-isem "John Bonello" fil-*post* tal-konvenut. Kien jispetta lill-attriċi li ġġib prova li xi ħadd li jaf b'dawn il-fatti li huma estraneji għall-pubblikazzjoni, irċieva l-pubblikazzjoni u seta', minħabba r-referenza li saret lil "John Bonello", jidentifika lilha bħala l-persuna li riedet tneħħi l-*warrant* lil ħuha u marret għand il-Prim'Ministru biex tinqeda fir-rigward.

Barra dan il-fatt illi r-rejazzjoni tal-konvenut li esprima l-qbil tiegħu mal-fehma ta' Ray Cini, ma tistax, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni, titqies bħala dikjarazzjoni malafamanti, meta kull ma qal il-konvenut fil-kumment tiegħu hu: "*100 fil 100. John Bonello"* u *"Marret għand il prim ax il-kamra ta l-avukati ma setaw jagħmlu xejn...*" Dikjarazzjoni bħal din ma tattribwixxi ebda difett ta' karattru, kondotta ħażina da parti tal-persuna li għamlet rapport kontra avukat, jew ċirkostanzi oħrajn li jiskreditwaha. L-allegazzjoni fiha nnifisha, **mingħajr ebda asserzjonjiet fattwali oħrajn**, ma jnisslux neċessarjament imputazzjoni diffamatorja bħal diżonesta' jew kondotta ħażina u "*does not imply some moral disparagement of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people*"[12]. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, dikjarazzjoni bħal din m'hijiex kapaċi tolqot sostanzjalment u "... *in an adverse manner the attitude of other people toward the person*"[13] u bħalma huwa assodat fil-

[12] Collins, ibid. 6.21, pg. 120.
[13] Collins, ibid. 6.23.

liġi tad-diffamazzjoni, mhux biżżejjed li l-kliem jistgħu jinftiehmu f'sens diffamatorju minn xi persuna jew persuni iżda mhux minn persuni oħrajn.

L-istess jgħodd għall-istqarrijiet l-oħrajn ippubblikati mill-konvenut f'Dok. H1[14] u Dok. D[15], li bl-ebda mod ma jwasslu fihom infushom xi imputazzjoni, wisq inqas imputazzjoni li hija diffamatorja fis-sens appena mfisser.

Iżda jibqa' dejjem il-fatt li kif diġa' ngħad, in-nuqqas tal-identifikazzjoni tal-attriċi b'isimha fl-istqarrija impunjata u dik marbuta magħha, jixħet fuq l-istess attriċi l-oneru tal-prova li persuna raġjonevoli armat bl-għarfien tal-konnessjoni tagħha ma' Wilson Mifsud – li lanqas ġie deskritt minn Ray Cini bħala żewġha jew l-eks raġel tagħha – u John Bonello, seta' jasal għall-konklużjoni li hija l-persuna li Ray Cini indirizza fil-*post* tiegħu. Madankollu l-attriċi ma kkonvinċietx lill-Qorti bi provi skjetti, li kien hemm persuni li identifikawha fil-posts ta' Ray Cini u tal-konvenut b'mod li huwa ppruvat oġġettivament li qarrej ordinarju armat bl-għarfien tal-fatt li kienet miżżewġa lil Wilson Mifsud u li ħuha jismu John Bonello, seta' raġjonevolment jidentifikaha bħala l-persuna fil-mira tal-*post* ta' Ray Cini u konsegwentement, fil-kumment tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

In kwantu għall-istqarrijiet li jidhru fid-dokumenti f'paġna 7 sa paġna 10 tal-atti, dawn ukoll għandhom jiġu mistħarrġa separatament mill-bqija tal-pubblikazzjonijiet impunjati mill-attriċi. Dan qed jingħad għaliex ma jirriżultax u l-Qorti m'hijiex sodisfatta illi l-istqarrija ta' Ray Cini f'paġna 7 u l-kumment sussegwenti tal-konvenut, ġew ippubblikati fl-istess kuntest jew li jikkonsegwu s-serje ta' messaġġi u kummenti bejn Ray Cini u l-konvenut, li jidhru fid-dokumenti f'paġna 2 sa paġna 4, jew dawk f'paġna 6 u paġna 7 tal-atti proċesswali. Fil-fatt, ma jirriżultax f'liema data intbagħtu dawn il-messaġġi u ma hemm xejn x'juri li dawn jifformaw parti mis-

[14] Dan jikkorrispondi mad-dokument f'paġna 2 tal-atti proċesswali.
[15] Dan hu l-istess bħad-dokument f'paġna 4 tal-atti proċesswali

sekwenza tal-*posts* u kummenti msemmijin qabel.  Kemm hu hekk, kif diġa' rajna, l-attriċi nnifisha xehdet illi Raymond Cini ippubblika *posts* malafamanti dwarha bejn id-9 ta' Ġunju 2021 u t-30 ta' Awwissu 2021, ċioe' fuq medda ta' xejn inqas minn tliet xhur u ma hemm xejn x'jindika li dawn ġew ippubblikati fl-istess ġurnata jew sekwenzjalment.  Il-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti u fil-provi li jeskludi l-possibbilita' illi l-*post*s li għamlet referenza għalihom l-attriċi, ġew ippubblikati bi trapass ta' ġimgħat jew xhur bejniethom, fost *post*s oħrajn fuq materji totalment differenti. Magħdud dan il-fatt li r-referenza għall-kelma "*trucks*" fil-messaġġ ta' Ray Cini b'risposta lil Josef Caruana[16], ma jidhrix li hija marbuta b'xi mod mas-soġġett tal-messaġġi l-oħra esebiti mill-attriċi.

Għalhekk, il-kumment ippubblikat mill-konvenut in segwitu għall-messaġġ ta' Ray Cini fid-dokument f'paġna 7 (Dok. K), fejn l-istess konvenut jilmenta li huwa vittma għaliex hu u familtu għadhom sal-lum imċaħħdin minn ibnu, ma tistax tiġi marbuta intrinsikalment mal-pubblikazzjonijiet l-oħrajn.

Barra minn hekk, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi persuni ordinarji jistgħu raġjonevolment jassoċjaw lill-attriċi mal-pubblikazzjoni impunjata (Dok. K) u jidentifikaw l-istqarrija bħala waħda li tikkonċerna lilha.  Billi ma saret ebda referenza diretta għall-attriċi b'isimha jew ritratt iżda ġiet implikata b'mod ferm indirett f'din l-istqarrija tal-konvenut, jispetta lill-attriċi tipprova li persuni li jafuha bħala omm it-tifel tal-konvenut Ryan Dimech, mhux biss irċevew il-pubblikazzjoni tal-istqarrija impunjata iżda wkoll identifikawha bħala l-persuna li ma indenjatx ruħha tmur għand ommu li qiegħda tmut u turiha t-tifel tiegħu.  Il-fatt li l-attriċi għandha tifel in komun mal-konvenut m'huwiex *general knowledge* u, kif ġie kkunsidrat *in extenso* qabel, kien hemm bżonn ta' prova tal-fatt illi persuna jew persuni oħrajn li jafu lill-attriċi identifikawha fil-pubblikazzjoni impunjata tabilħaqq minħabba f'dan il-fatt estrinsiku. Fil-fatt, għalkemm Denise Buhagiar xehdet illi taf li l-attriċi għandha tifel, imkien ma qalet li taf li dan it-tifel huwa wkoll bin il-konvenut Ryan Dimech u l-attriċi ma ressqitx xhieda oħra biex tikkonvinċi lill-Qorti li persuni mogħnija b'għarfien ta'

[16] Paġna 7 – ukoll Dok. K.

dawn il-fatti speċjali setgħu raġjonevolment jagħrfuha jekk kemm il-darba l-istqarrija ġiet pubblikata lilhom.

L-istess konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-istqarrijiet tal-konvenut fuq il-paġna ta' Television Malta fuq Facebook (Dok. J) li ġew ippubblikati in segwitu għal u b'referenza lill-*post* intestat '*Tifel ta' 15-il sena jinżamm arrestat wara li hedded lil ommu – TVM*' fejn il-konvenut iddikjara li "*it-tifel imċaħħad minn missier għal sena u tliet xhur, meta ha jittieħdu passi fuq l-omm!!*"[17] u wieġeb fl-istess vena għall-kumment ta' ċertu Carmen Schembri[18]. **Meta dawn l-istqarrijiet ma jsemmu lil ħadd b'ismu u ma fihom ebda referenza għall-persuna aggravata permezz ta' xi immaġini, inizjali jew indizzju ieħor marbut magħha nnifisha, il-Qorti tistenna li titressaq evidenza l turi illi kien hemm persuni li fehmu li l-inferenza f'dawn l-istqarrijiet hi għall-persuna aggravata jew li jassoċjaw l-istqarrijiet magħha.** Il-Qorti m'hijiex sejra tispekola u tassumi li hemm persuni li jafu li Ryan Dimech għandu tifel mal-attriċi u li huma għaddejjin minn proċeduri kontenzjużi quddiem il-qrati in konnessjoni mal-kwistjoni tal-paternita' tal-minuri u l-kura u kustodja tiegħu.

Persuna ordinarja u raġjonevoli ma tista' qatt, f'dawn iċ-ċirkostanzi, jinferixxi li l-konvenut kien qed jirreferi għall-attriċi u għal ħadd iktar, meta fil-messaġġi li tella' fuq il-paġna fuq Facebook ta' Television Malta, staqsa meta ser jittieħdu passi kontra "omm" għaliex tifel qed jiġi mċaħħad minn missier u li mhux minnu li huwa abbanduna lil ibnu. Din hija prova kienet tispetta lill-attriċi li bħala l-persuna aggravata għandha l-oneru li tikkonvinċi lill-Qorti illi persuna ordinarja armata b'għarfien tal-fatti speċjali estraneji, setgħet tidentifikaha bħala l-persuna li dwarha saret l-istqarrija impunjata. Iżda f'dan il-każ il-Qorti lanqas m'għandha quddiemha xi prova li l-konvenut m'għandux iktar ulied ħlief għat-tifel li għandu mal-attriċi u li kien qed jirreferi lil Marika Bonello, wisq inqas li din l-istqarrija ġiet pubblikata lil xi persuna li jaf bil-fatti speċjali li jeħtieġ għarfien dwarhom biex l-attriċi tista' tiġi raġjonevolment identifikata fl-istqarrijiet allegatament malafamanti.

---

[17] Spellut tajjeb.

[18] Dok. L u Dok. M: dawn jikkorrispondu għad-dokumenti f'paġna 9 u paġna 10 tal-atti proċesswali, annessi mar-Rikors promotur.

Stabbilit dan kollu, hija l-fehma tal-Qorti li peress li l-attriċi ma ppruvatx kif imiss l-li hi identifikata f'xi waħda mill-istqarrijiet ippubblikati mill-konvenut, impunjati f'din il-kawża, dawn l-istqarrijiet ma jistgħux jitqiesu li kkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut hi tajba u sejra tintlaqa' u mhux meħtieġ li tiġi mistħarrġa t-tieni eċċezzjoni tiegħu.

**Għal għal motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut RYAN DIMECH fir-Risposta tiegħu, qiegħda tiċħad it-talba ta' MARIKA BONELLO fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**